# Malala Yousafzai:
## *L-iżgħar rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi.*
### Sekwenza ta' Stampi



1



2


3


4



5



6



7

**A.** Informa ruħek dwar min hi Malala Yousafzai, dwar ħidmietha u dwar il-bsaten fir-roti li sofriet.

Paġni elettroniċi b'informazzjoni dwar Malala Yousafzai:

https://mt.wikipedia.org/wiki/Malala_Yousafzai

https://www.nobelprize.org/nobel_prizes/peace/laureates/2014/yousafzai-bio.html

Isem: ______________________________

### B. Segwi dawn il-filmati dwar l-edukazzjoni tal-bniet.

- Lessons to take home: girls' education in Pakistan https://www.youtube.com/watch?v=AlX3yJ9kj3U
- Meet girls who are fighting for their right to an education - The other Malala's https://www.youtube.com/watch?v=GluooOH_EnE
- The story of Malala Yousafzai https://www.youtube.com/watch?v=NIqOhxQ0-H8

### Ċ. Mit-tagħrif li ġbart permezz tal-qari, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet.

1. Min hija Malala Yousafzai u minn fejn hi?
2. X'kienet tħobb tagħmel sa minn età żgħira Malala?
3. X'jopponu l-ġellieda Talibani?
4. X'għamlet Malala quddiem it-theddid tat-Talibani?
5. Kif ippruvaw irażżnuha s-suldati Talibani lil Malala milli tkompli bil-ħidma tagħha favur l-edukazzjoni tal-bniet?
6. Fejn ittieħdet għall-kura wara l-attentat fuq ħajjitha?
7. X'kienet ir-risposta ta' Malala għal dawk li riedu jtemmulha ħajjitha?
8. Fejn kienet mistiedna titkellem meta għalqet sittax-il sena?
9. Għaliex ingħatat il-Premju Nobel għall-Paċi tal-2014?
10. Illum x'qed tagħmel biex tkompli tirrealizza l-ħolma tagħha u tgħin lil dawk li għaddejjin mill-istess diffikultajiet li għaddiet minnhom hi?

### D. Il-Pjan tal-Kitba (kitba bijografika).

1. Minn fejn hi Malala, kemm għandha żmien u fejn toqgħod illum?

2. X'inhi l-ħolma tagħha?

3. X'wassal biex ħajjitha nbidlet mil-lejl għan-nhar?

4. Kif ippruvaw iwaqqfuha dawk li ma qablux magħha?

5. Kif ġabet ruħha quddiem it-theddid?

6. Rikonoxximenti importanti għal ħidmietha.

**Malala Yousafzai**



7. Illum x'qed tagħmel biex tirrealizza l-ħolm tagħha?

8. X'jimpressonak l-aktar mill-personalità ta' Malala?

**E.** Qasqas il-kaxxi bl-informazzjoni u ppustjahom f'ordni ħdejn il-plieri.

Malala u familtha jaħarbu minn darhom minħabba l-gwerra tat-Taliban.

Swat, jintrebaħ mit-Talibani li jordnaw lit-tfajliet ma jmorrux aktar skola.

Malala żżur New York u tindirizza l-Għaqda tal-Ġnus Magħquda.

Malala tirċievi l-ewwel Premju Nazzjonali tal-Paċi għaż-Żgħażagħ tal-Pakistan.

Malala tirritorna lejn darha u terġa' tibda tikteb fil-blog tagħha u titkellem fuq programmi televiżivi kontra l-oppressjoni tat-Taliban.

Il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi ħidmietha bil-premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb.

Malala tivvjaġġa lejn il-Ġordan, il-Kenja u n-Niġerja b'appoġġ għall-istudenti.

Suldat tat-Taliban jispara lil Malala waqt li din kienet sejra lejn l-iskola.

Malala terġa' tibda tattendi l-iskola l-Ingilterra wara xhur ta' terapija.

Malala tibda blog anonimu. Tikkritika lit-Taliban talli ma tistax tattendi l-iskola.

Malala Yousafzai tkun innominata għall-Premju Nobel tal-Paċi.




Permezz tal-fond li waqqfet, Malala tiffinanzja proġetti edukattivi f'pajjiżi differenti u taħdem biex kulħadd ikollu d-dritt li jmur l-iskola.


2007
2008
2009
2010
2011
2012
2013
2014
2015
Swat, jintrebaħ mit-Talibani li jordnaw lit-tfajliet ma jmorrux aktar skola.
2007
Malala u familtha jaħarbu minn darhom minħabba l-gwerra tat-Taliban.
2009
Malala tibda blog anonimu. Tikkritika lit-Taliban talli ma tistax tattendi l-iskola.
2009
Malala tirritorna lejn darha u terġa' tibda tikteb fil-blog tagħha u titkellem fuq programmi televiżivi kontra l-oppressjoni tat-Taliban.
2009
Malala tirċievi l-ewwel Premju Nazzjonali tal-Paċi għaż-Żgħażagħ tal-Pakistan.
2011
Suldat tat-Taliban jispara lil Malala waqt li din kienet sejra lejn l-iskola.
9/10/2012
Malala terġa' tibda tattendi l-iskola l-Ingilterra wara xhur ta' terapija.
2013
Malala żżur New York u tindirizza l-Ġnus Magħquda.
12/7/2013
Il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi ħidmietha bil-premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb.
10/10/2013
Malala tivvjaġġa lejn il-Ġordan, il-Kenja u n-Niġerja b'appoġġ għall-istudenti.
2014
Malala Yousafzai tkun innominata għall-Premju Nobel tal-Paċi.
10/1/2014
Permezz tal-fond li waqqfet, Malala tiffinanzja proġetti edukattivi f'pajjiżi differenti u taħdem biex kulħadd ikollu d-dritt li jmur l-iskola.